# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 118**

**Citaz. Nru. 527/01GV**

Doc. 99-01

**Joseph u Angela konjugi Camilleri**

**vs**

**Heleno Zammit**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut huwa vera cert u likwidu debitur a favur tal-atturi fis-somma ta' erbat elef lira (Lm4,00) rappresentanti ammont ekwivalenti ta' flus li kienu gew mislufa lilu skond ma kif jirrizulta minn skrittura privata datata 22 ta' Awissu, 1997 hawn anness markat Dok. A;

Premess illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghal hlas tal-istess dejn u l-atturi qed jannettu ma dan l-att affidavit skond l-artikoli msemmija Dok. B;

Premess illi l-konvenut kien interpellat inutilment biex ihallas dan id-dejn inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 31 ta' Awissu, 2000;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167 - 170 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm4,000 minnu dovuta skond kif spjegat hawn fuq;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 31 ta' Awissu, 2000 u ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dan l-att u bl-interessi skond il-ligi dekorribbli mid-data tal-fuq imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv ghas-saldu kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament ghandha tigi kjamata fil-kawza l-mara tal-konvenut, stante li fl-interpellazzjoni ghal hlas, permezz tal-ittra ufficjali datata 31 ta' Awissu, 2000 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, hemm indikata l-mara tal-eccepjent u cioe' Sylvia Zammit;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat mhux dovut stante li l-eccepjent kien jaghti l-pagament lill-martu sabiex din tghaddihom lill-atturi li jigu l-genituri taghha;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eccezzjoni;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li din il-Qorti tikkundanna lill konvenut ihallas is-somma ta' Lm4,000 flus li gew mislufa lilu.

**ECCEZZJONIJIET**

Preliminarjament il-konvenut eccepixxa (fol. 13) li ghandha tigi kjamata fil-kawza l-mara tal-konvenut stante li fl-interpellazzjoni ghal hlas, permezz ta' ittra ufficjali datata 31 ta' Awissu 2000 Dok A fol. 16 hemm indikata l-mara ta' l-eccipjent Sylvia Zammit.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghal provediment fuq it-talba ghal-kjamat fil-kawza ta' mart il-konvenut kif mitluba fl-eccezzjoni tal-konvenut.

Jirrizulta li kienet saret ukoll interpellazzjoni ghal-hlas lill Sylvia Zammit permezz tal-ittra ufficjali msemmija billi dak iz-zmien cioe' fil- 31 ta' Awissu 2000, il-konvenut kien ghadu mizzewweg lill Sylvia Zammit. Izda mbaghad gara li fl-1 ta' Marzu, 2001 kienet saret is-separazzjoni bejn il-konjugi Zammit (Dok. 20) fejn fil-klawsola 10 (ara fol. 21) id-dejn li kien sar mill-partijiet kien gie regolat fl-istess kuntratt. Fil-fatt din il-klawsola tghid hekk:

*Il-komparenti qeghdin jitterminaw il-komunjoni ta' l-akkwisti bejnithom b'effett millum stess u jaqblu wkoll li, salv dak li ser jintqal dawn taht, kwalunkwe dejn, kemm passat kif ukoll futur, ikun a kariku ta' min ikun ghamlu u/jew jaghmlu.*

Fil-kaz in ezami s-self kien sar mill-konvenut biss (ara dok a fol. 4) u ghalhekk dan id-dejn hu a kariku tieghu biss u martu m'ghandiex x'taqsam. Jekk il-konvenut ghandu xi drittijiet ohra kontra martu dawn ma jinteressawx

lill-attur u ma jistghux ikunu l-mertu ta' din il-kawza.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni u t-talba ghal-kjamat fil-kawza qed tigi michuda.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu u tiddifferixxi l-kawza ghall provi ghall-14 ta' Novembru, 2001 fl-10.15 a.m.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**